MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1303/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Spiteri Lawrence**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm412.82) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 7021 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Lulju u Dicembru, 2002;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data**

**tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija  u tnax-il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm412.82) bl-imghax legali mit-30 ta' April, 2003 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2003, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------